*Matul din is-sena qed infakkru l-għaxar anniversarju mill-mewt ta' żewġ saċerdoti li kienu u jibqgħu f'qalb il-poplu Ġiljaniż. B'hekk ħsibna biex inwassilulkom ftit tagħrif dwarhom u dwar il-ħidma tagħhom fil-parroċċa tagħna.*

Kitba ta' David Grech

## *Dun Anton Sciberras*




Dun Anton twieled in-Naxxar fit-13 ta' April, 1922 f'familja ta' tnax-il aħwa. Ħa l-edukazzjoni tiegħu fl-iskola tal-Gvern tan-Naxxar. Ix-xewqa tiegħu li jsir saċerdot nibtet minn meta kien għadu abbati ċkejken. Il-ġenituri tiegħu dejjem appoġġjawh u kienu kburin bit-triq li kien qabad.

F'Ottubru tal-1935 kompla l-istudji tiegħu fis-Seminarju tal-Furjana sakemm ġie ordnat saċerdot fit-3 ta' Awwissu, 1947. Il-ħidma pastorali tiegħu bdiet ġewwa n-Naxxar iżda fl-1949 l-Arċisqof Gonzi bagħat għalih sabiex din titkompla f'San Ġiljan. Ħutu ddeċidew li huma wkoll imorru jgħixu ma' Dun Anton ġewwa San Ġiljan.

Dun Anton mill-ewwel intefa' għax-xogħol. It-tagħlim tar-reliġjon kien minn dejjem għal qalbu. Fil-fatt, ħa f'idejh id-duttrina u beda jmexxi wkoll il-fergħat tal-Irġiel u l-Ġuvintur tal-Azzjoni Kattolika. Kull nhar ta' Tnejn u Ħamis kien jorganizza laqgħat ta' talb u studju tal-Kelma t'Alla għall-membri tal-Azzjoni Kattolika. Darba fix-xahar lil dawn tal-aħħar kien jorganizzalhom il-ħarġiet u l-irtiri.



Interessanti l-fatt li matul is-snin Dun Anton ħadem taħt seba' kappillani differenti – minn Dun Anton Debono sa Dun Ray Toledo.

Dun Anton jibqa' magħruf ukoll għall-ħidma tiegħu bħala Direttur fl-Uffiċċju Missjunarju li kien fi Triq San Pawl, il-Belt. Ta' min jinnota li dax-xogħol kien jagħmlu b'tant imħabba. Hu kien involut direttament fil-ġbir ta' għajnuniet għall-missjoni bħalma huma flus, materjal u ikel li kien jintbgħat regolarment fil-pajjiżi fil-bżonn. Kien ukoll jgħin fil-ġbir ta' bolli użati li kienu jitnaddfu u jerġgħu jinbiegħu lill-kollezzjonisti. Kien



ukoll editur tal-pubblikazzjoni Malta Missjunarja.

Il-karità mal-proxxmu u mal-batut kienet ta' importanza kbira għalih. Kważi ta' kuljum Dun Anton kien jerħilha għall-isptar biex iżur il-morda, speċjalment dawk Naxxarin u Ġiljaniżi biex ifarraġħhom u jsabbarhom.

Fl-1962 beda jorganizza l-pellegrinaġġ annwali bil-mixi għas-Santawarju tal-Mellieħa li għadu jsir sal-lum.

Dun Anton kellu għal qalbu l-festa ta' Sant'Antnin ta' Padova li ssir fit-13 ta' Ġunju. Ta' kull sena kien jorganizza l-festa liturġika bit-tqassim tal-ħobż tal-qaddis. Għal din il-festa kienet tintrama l-istatwa ta' Sant' Antnin fuq l-artal tal-ġenb jew qrib il-maġġur. Din kienet tkun imdawra bi kwantità ta' fjuri u xemgħat. Kienu wkoll jitpoġġew quddiemha tazzi u trofej li kienu jirbħu ż-żgħażagħ tal-Azzjoni Kattolika fl-attivitajiet sportivi. Il-festa ta' Sant'Antnin għada tiġi ċċelebrata ta' kull sena permezz ta' quddiesa fil-knisja ta' Lapsi.

Dun Anton kien iħobb il-kitba Maltija u ppubblika diversi kotba, sunetti u poeżiji. Kien ukoll kontributur regolari fil-ħarġiet tal-magazin 'Il-Mixja'.

Dun Anton ingħata diversi unuri bħala rikonoxximent tal-ħidma tiegħu. Fosthom hemm il-premju 'Ġieħ in-Naxxar' u l-medalja għas-servizz lill-Komunità ta' San Ġiljan.

Din is-sena jiġi mfakkar l-għaxar anniversarju mill-mewt ta' Dun Anton Sciberras. Hu kien ħalla din id-dinja fil-25 ta' Jannar, 2006. Dan is-saċerdot umli jibqa' magħruf għall-qalb ġeneruża tiegħu mal-proxxmu, speċjalment mal-batut. Skont ix-xewqa tiegħu, id-dar li kien jgħix fiha Dun Anton f'Telgħet Birkirkara llum tintuża bħala dar għar-refuġjati. Dun Anton kien eżempju ċar ta' kif għandu jkun saċerdot dedikat, qaddis u eżemplari.








## *Dun Furtunato Axiaq*

Dun Furtunato Axiaq twieled fid-19 ta' Novembru, 1925 fiż-Żebbuġ, Għawdex. Hu kien l-iżgħar fost tmien aħwa. Ingħata l-isem Fortunato għall-qaddis martri San Fortunato li l-korp sant tiegħu jinsab meqjum fil-knisja taż-Żebbuġ fejn trabba. Ħa l-edukazzjoni tiegħu fl-iskola primarja taż-Żebbuġ. Ta' tmien snin daħal abbati fl-istess parroċċa. F'Jannar tal-1937, il-familja Axiaq telqet minn Għawdex u ġiet toqgħod fl-inħawi ta' Wied Għomor f'San Ġiljan meta Fortunato kellu biss ħdax-il sena. L-interess u l-imħabba lejn il-Knisja ma naqsux u ma damx wisq ma daħal abbati fil-knisja ta' Lapsi. Hu kellu sehem attiv fit-tberik, fil-quddies u l-funerali. Il-kappillan ta' dak iż-żmien kien Dun Amabile Bonanno.

Dun Furtunato kellu jieqaf mill-istudji tiegħu minħabba li l-gwerra kienet fl-aqwa tagħha. Lejn l-aħħar tal-1944 beda jattendi s-Seminarju Minuri, li kien jinsab f'Ħal Qormi minħabba li l-bini tal-Furjana kien iġġarraf fil-gwerra. Fl-1948, kompla l-istudju tiegħu fil-Filosofija u t-Teoloġija fis-Seminarju Maġġuri. Fl-istess seminarju kien jattendi Dun Karm Calleja li wkoll kellu rabta kbira mal-parroċċa ta' San Ġiljan.

Il-ħidma tiegħu bdiet fi żmien il-parrokat ta' Dun Anton Debono, fejn kien jgħin fil-ġbir ta' fondi. Huwa kien jorganizza l-bejgħ tal-lotteriji u flimkien ma' Edward Zarb kienu jaħartu kull rokna tal-parroċċa biex ibigħu l-biljetti. Kien ukoll idur id-djar li jagħmlu parti mill-parroċċa tagħna biex jiġbor it-tjur u l-fniek. Dawn kienu jintużaw bħala premijiet fil-fieri li jsiru b'risq il-festa.

Dun Furtunato ġie ornat saċerdot fis-7 ta' Awwissu, 1955 fil-Konkatidral ta' San Ġwann. L-ewwel quddiesa tiegħu ċċelebraha nhar Santa Marija fil-knisja ta' Lapsi u fl-20 ta' Awwissu ċċelebra quddiesa oħra ġewwa ż-Żebbuġ, Għawdex. Ftit xhur wara daħal għalliem fl-iskejjel tal-Gvern u bejn l-1975 u 1982 beda jħarreġ lit-tfal bi bżonnijiet speċjali f'xi sengħa, ħa jkollhom aktar opportunitajiet biex jintegraw fid-dinja tax-



xogħol. Apparti x-xogħol tiegħu bħala għalliem, huwa serva għal ħames snin bħala direttur tad-duttrina fi Triq Lapsi u direttur tax-Xirka tal-Isem Imqaddes t'Alla. Ħadem ukoll għal snin sħaħ bħala Assistent Ekkleżjastiku tal-Azzjoni Kattolika, kemm tan-nisa kif ukoll tal-irġiel.

Dun Furtunato jibqa' magħruf l-aktar għall-ħidma tiegħu bħala rettur tal-knisja tal-Kunċizzjoni. Hu kien ingħata l-inkarigu li jmexxi din il-knisja fl-1957 mill-Arċisqof Mikiel Gonzi wara li s-saċerdot Dun Kalċidon Catania marad serjament u ma setax ikompli jqaddes fiha. Matul is-snin għamel diversi xogħlijiet fil-knisja, fosthom it-tibjid u l-artal ġdid tal-irħam. Ftit qabel il-festa ta' San Ġiljan tal-1988 iżżanżnu sett bankijiet ġodda li ħadu post is-siġġijiet l-antiki. F'Diċembru tal-1989 tlestiet l-istatwa tal-Immakkulat Kunċizzjoni bil-bradella, bil-bankun u n-niċċa. Fuq il-ġenb tal-knisja saret ukoll grotta bl-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes li hi magħmula mill-irħam. Din ġiet inawgurata fil-festa tal-Kunċizzjoni tal-1995.

Il-knisja tal-Kunċizzjoni baqgħet attiva kif nafuha illum bis-saħħa ta' grupp ta' nisa li kien għaqqad hu stess u li kien jirreferi għalihom bħala 'l-Qaddejja tal-Immakulata'. Dawn jieħdu ħsieb it-tindif, l-armar u kulma jkun hemm bżonn. Fil-bidu tas-snin tmenin beda tradizzjoni li jlaqqa' l-anzjani u nies oħra li jgħixu fil-viċinanzi tal-knisja biex flimkien jiċċelebraw il-Festa tal-Imakkulata Kunċizzjoni tat-8 ta' Diċembru permezz ta' quddiesa u riċeviment żgħir. Din l-attività għada ssir sal-lum.

Dun Furtunato mar jiltaqa' mal-Mulej fit-8 ta'Ottubru, 2006.









*Ritratti fuq: Diċembru 1989 - Il-grupp ta' helpers flimkien ma' Dun Furtu jilqgħu l-istatwa tal-Imakulata Kunċizzjoni.*